MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 363/2010

vs

C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-Knisja tal-Herba Birkirkara fit-3 ta' Ottubru 2003, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk z-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati debitament enumerati;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-3 t'Ottubru 2003, kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta guramentata u b'hekk hija kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet tat-3 ta’ Ottubru 2003[1] jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tal-attur**

L-attur jghid li zzewweg lill-intimata fil-knisja tal-Herba f’Birkirkara fit-3 ta’ Ottubru 2003. L-gherusija taghhom kienet wahda ta’ sena u jghid li f’din is-sena ma tantx kellhom hin sabiex isiru jafu lil xulxin tant li kienu nieqsin minn *quality time* flimkien. L-attur jiddiskrivi lilu nnifsu bhala ‘mohh ir-rih’ fiz-zmien taz-zwieg u dan peress li kien ghadu zghir, bhal ma kienet l-intimata, izda jghid li bejn il-partijiet kien hemm attrazzjoni fizika qawwija u li kienet din li wasslithom ghaz-zwieg.

L-attur jammetti li dak inhar taz-zwieg kien mar jixrob ma’ xi familjari tieghu u meta ra xi tfal tal-iskola, waqaf ghal ftit u qal “***ara jien sejjer nizzewweg u bdejt nidhak***” pero’ l-attitudni tieghu inbidlet kompletament kif dahal fil-knisja u beda jirrealizza ghal xiex kien diehel. Kien f’dan il-mument li nduna li ma kienx lest ghal dan il-pass u li kien ser jidhol ghal dan iz-zwieg minghajr hsieb.

L-attur jghid li l-problemi bdew mill-ewwel taz-zwieg ghaliex l-intimata ma riditx tghix mieghu imma riedet tmur lura ghand il-genituri taghha. Jghid ukoll illi bdew jiggieldu hafna, tant li ggieldu sahansitra fil-*honeymoon* u fuq il-flus li kienu qalghu fit-tieg ghaliex beda jahseb li l-intimata bdiet tonfoq bl-addocc. Min-naha tieghu, l-attur jammetti li kien ihobb jixrob u li ma kienx lest jitlaq il-hajja ta’ qabel u ghalhekk baqa’ johrog ma’ shabu u jidhol id-dar fis-sakra. Illum il-gurnata jirrealizza li dak iz-zmien kien immatur u li ma kienx lest li jissetilja. Jghid ukoll li l-fatt li l-intimata kienet tmur ghand il-genituri taghha u torqod hemm ma kienx jghin, anzi kien iwasslu biex ikompli johrog ma’ shabu.

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process

L-attur jiddiskrivi d-decizjoni taghhom ghaz-zwieg bhala gennata ghaliex ibbazawha fuq il-passjoni li kellhom dak iz-zmien u xejn aktar. Il-karattri taghhom kienu kompletament differenti u lanqas fuq affarijiet zghar u minimi ma setghu jiftiehmu jew jilhqu kompromess. L-attur jghid ukoll li fiz-zwieg ma kellhomx hin ghalihom wahedhom ghaliex l-intimata kienet iggieghlu jaghmel affarijiet li jdejquh, fosthom iz-zfin tal-*line dancing* u l-fatt li kienu dejjem iqattghu il-hin taghhom maz-zijiet u l-familjari taghha. Min-naha tieghu l-attur baqa' jhobb lil shabu u ma riedx inaqqas mill-hin taghhom ghaliex jiddiskrivi lilu nnifsu bhala *free spirit* dak iz-zmien.

L-attur jghid li binthom E ma kienitx pjanata u dan ghaliex l-intimata ma xtaqitx li jkollha tfal ghaliex riedet li zzomm il-figura, filwaqt li min-naha tieghu, l-attur kien qabel maghha. Gara izda li l-intimata inqabdet tqila u l-attur jiddiskrivi dan l-avveniment bhala wiehed li "***dik id-darba giet hekk***".

L-attur jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li ghalih iz-zwieg qatt ma kien zwieg validu, la min-naha tieghu u lanqas min-naha taghha ghaliex kienu zghar wisq, kienu mohh ir-rih u t-tnejn li huma ma kienux lesti ghal dak il-pass tant serju u impenjattiv.

**<u>Il-Verzjoni tal-intimata</u>**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimata giet debitament notifikata bl-atti ta' din il-kawza, baqghet ma intavolat ebda risposta guramentata u konsegwentement hija meqjusa bhala kontumaci f'dawn il-proceduri. Izda permezz ta' nota datata t-13 ta' April 2012, prezentat l-affidavit taghha.

L-intimata tibda l-affidavit taghha billi tiddikjara li taqbel li z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null. Tikkonferma wkoll li l-gherusija taghhom damet sena biss u li din kienet decizjoni mghaggla da parti taghhom it-tnejn izda tghid li hallew l-istint jaghmihom ghaliex kienu immaturi. L-intimata, llum tara d-differenza fiha stess pero' tghid li l-attur kien ferm aghar minnha u ssemmi l-fatt li l-attur mar

jixrob qabel ic-cerimonja taz-zwieg. L-intimata indunat li l-attur ma kienx f'postu meta qabbad sigarett fil-knisja stess.

L-intimata tikkonferma wkoll li l-glied bejn il-partijiet inqala' mill-ewwel granet wara z-zwieg ghaliex riedet tmur lura ghand il-genituri taghha. Kien f'dan iz-zmien li indunat li dan iz-zwieg kien "***gennata***" u zzid tghid li zewgha baqa' mohhu fil-hbieb u fil-hrug.

Hi tghid ukoll li d-dar kellha hafna sikkatura, l-aktar minghand missierha u kien ghalhekk li riedet tohrog mid-dar kemm jista' jkun malajr.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-Qorti tirrileva li l-unici provi li ngabu quddiemha kienet ix-xiehda tal-partijiet. Ma giet esebita ebda prova ohra u ghaldaqstant, il-Qorti trid necessarjament tevalwa din ix-xiehda u tara jekk gewx ippruvati l-elementi necessarji ghal dikjarazzjoni ta' nullita' jew le.

**Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[2] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali***

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[3] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkostanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, partikolarment il-passjoni u l-attrazzjoni fizika bejn il-partijiet kombinata mal-fatt li l-intimata riedet titlaq mid-dar tal-genituri taghha, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, z-zewg partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaslu ghal decizjoni valida u dan anke in vista tad-dikjarazzjoni tal-attur stess meta jghid li kien biss meta kien fil-knisja li rrealizza f’hiex kien diehel pero’ fl-istess hin wara z-zwieg baqa’ qatt ma ried ibiddel hajtu tant li baqa’ jaghti priorita’ lill-hbieb. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax anke dwar il-

[3] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

leggerezza ta' kif l-attur jiddiskrivi l-fatt li l-intimata inqabdet tqila bit-tarbija taghhom, liema agir juri wkoll kemm l-attur dejjem ha kollox fi kliemu stess b'mod "***relaxed***".

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll illi jidher li l-partijiet hadu z-zwieg bhala xi haga ta' importanza minima tant li lanqas biss qiesu l-pass li kienu ser jiehdu, pero' dan l-agir minnu nnifsu huwa prova cara ta' kemm il-partijiet qiesu dan iz-zwieg bhala avventura jew ahjar kif jiddiskrivuha t-tnejn li huma "***gennata***". Mill-provi migjuba quddiem il-Qorti u anke miz-zmien qasir tal-gherusija u z-zmien ta' konvivenza bhala mizzewgin il-Qorti tara illi dak li l-partijiet verament riedu ma kienx zwieg dejjiemi imma soluzzjoni sabiex l-intimata tohrog mid-dar u l-partijiet ikomplu l-avventura fizika taghhom u xejn aktar. Ghalhekk, il-Qorti tirrileva li jidher car li min-naha taghhom iz-zewg partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhlu ghal dan iz-zwieg ghaliex fil-fatt dan iz-zwieg kien biss "***gennata***".

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva illi l-unika prova jew ghall-anqas hjiel fuq l-intenzjoni tal-attur fil-mument propizju tal-kunsens hija x-xiehda tal-attur meta jghid li kien biss fil-knisja meta rrealizza x'kien ser jaghmel tant li ppanikja u qabbad sigarett. Izda il-Qorti mhix konvinta li l-kunsens tal-attur ( ghax ippanikja u rrealizza li kien diehel ghaz-zwieg) kien vizzjat b'simulazzjoni u dan anke in vista tal-fatt li l-istess attur jiddiskrivi lilu nnifsu bhala "***free spirit***". Il-fatt li ppanikkja waqt li kien fil-knisja m'hijiex prova konvincenti dwar l-intenzjoni tal-istess attur jew prova ta' simulazzjoni. M'hemm ebda indikazzjoni ohra li twassal lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li xi wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili